**Qorti tal-Maġistrati (malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

**Kumpilazzjoni Numru: 719/21**

Illum, 12 ta' Novembru 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca) u**
**(Spettur George Frendo)**

**vs**

**Christopher Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Christopher Calleja**, ta 29 sena, iben Constance u Roseanne nee' Aquilina, imwieled il-Pieta nhar it-30 ta' Jannar, 1992, u residenti nru. 3, Pjazza Joseph Briffa, Birkirkara, detentur ta' karta ta' l-identità nru. 90792M u ċioè talli nhar it-8 ta' Novembru, 2021, għall-ħabta ta' nofsinhar, u/jew fil-jiem jew ġimgħat ta' qabel, mill-fond Villa Mignon, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar:

1. ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok għad-dannu ta' Benjamin Muscat,

u/jew ta’ Mignon Trading Co. Ltd. u/jew ta’ xi persuna/i u /jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet oħra.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m’għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li l-akkużat ammetta l-involviment tiegħu fis-serqa *de quo* sa mill-bidu ta’ din l-investigazzjoni u reġa tenna l-ammissjoni tiegħu quddiem dina l-Qorti. Waqt is-seduta tal-lum stess, ċioè waqt l-ammissjoni tiegħu, l-akkużat għadda s-somma ta ħdax-il elf Ewro (€11,000) lill-*parte ċivile* bħala riżarċiment ta’ dak li ammetta għaliħ. Il-fedina penali tieghu m’hijiex waħda refrattarja u l-akkużat ilu ma jxellef difrejħ mal-ġustizzja għal diversi snin.

Illi ta’ min jirrimarka illi l-akkużat u l-*parte civile* m’humiex qed jaqblu fuq ir-*res furtiva de quo*. Filfatt, il-parte civile qed ssostni li l-ammont derubat huwa effettivament aktar minn dak riżarċit fl-udjenza tal-lum, filwaqt li l-akkużat qiegħed isostni li dak huwa l-ammont kollu minnu derubat. Illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova in sostenn tal-ammont reklamat mill-*parte civile* għajr id-dikkjarazzjoni magħmulha mir-rappreżentant legali tal-parte civile.

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tagħtix każ tal-ammont konsiderevoli misruq mill-akkużat u li dawn insterqu propju mir-residenza tal-parte civile, li hija persuna ta' età avvanzata. Jirriżulta mir-rapport tal-pulizija illi l-akkużat kien mar fuq xogħol għand ir-residenza tad-derubat ftit jiem qabel ma wettaq dan ir-reat u li fil-preżenza tiegħu il-parte civile fetah is-safe fejn kienu qed jinżammu l-flus mertu ta' dan il-każ.

Il-Qorti tqis li l-akkużat ikkopera bis-sħiħ mal-uffiċjali investigattivi u li bl-ammissjoni tiegħu huwa franka l-ħin tal-Qorti u l-ispejjeż. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax tinjora s-serjetà tar-reati mwettqa mill-akkużat u ċ-ċirkostanzi li fihom twettqu dawn ir-reati.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 20, 28A, 31, 261(ċ), (d), (e), 267, 268, 269, 279, 280(1) u 337(2)(b)(ii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Christopher Calleja ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal **tmintax-il xahar (18) priġunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-akkużat, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**